**172. L-Onor. Lino Spiteri jipproponi:-**

"Illi din il-Kamra tar-Rappreżentanti:

Wara li rat ir-Regolamenti tal-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Formoli) (Avviż Legali 97 tal-1994) magħmula bis-saħħa tal-artikoli 12, 16, 22, 61 u 70 tal-Att tal-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, li jipprovdu għal formoli ta' reġistrazzjoni u ta' denunzji tal-VAT;

Wara li rat kif l-artikoli 22, 61 u 70 ta' l-Att tal-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud għaddew mill-Parlament mingħajr diskussjoni fl-istadju tal-Kumitat, għax ġiet applikata mozzjoni ta' proċedura li qatgħet il-ħin tad-dibattitu, qabel ma d-diskussjoni kienet eżawrita;

Wara li qieset kif it-tħaddim tal-formoli previsti fir-regolamenti msemmija se jħarbtu l-ħajja ta' negozju, speċjalment fil-każ ta' azjendi żgħar immexxija minn self-employed żgħar li jaħdmu waħidhom jew ma' membri oħra tal-familja tagħhom;

Wara li qablet li s-sistemi proposti jżidu burokrazija u komplikazzjonijiet mhux meħtieġa fil-ħidma ekonomika tal-pajjiż b'mod li jnaqqsu l-fiduċja u jheddu l-impjiegi;

Billi skond l-Interpretation Act, Kap. 249, Artikolu 11, din il-Kamra tista' tannulla Avviż Legali maħruġ taħt liġi bħall-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, sakemm tiġi preżentata mozzjoni f'dan is-sens, fi żmien 28 ġurnata minn meta l-avviż legali jkun tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra;

Billi r-regolamenti dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Formoli) (Avviż Legali 97 ta' l-1994) tpoġġew fuq il-Mejda ta' din il-Kamra mill-Onor. Ministru tal-Finanzi John Dalli fis-26 ta' Settembru 1994;

GĦALHEKK DIN IL-KAMRA TAR-RAPPREŻENTANTI

Tikkonkludi li r-regolamenti proposti mill-Avviż Legali msemmi se jkunu ta' dannu kbir għall-konsumaturi u għas-settur tas-self employed, waqt li jimminaw il-fiduċja ekonomika u joħolqu bla bżonn piżijiet u inġustizzji soċjali fuq ċittadini li l-anqas jistgħu jifilħuhom; u għalhekk

Tannulla r-Regolamenti tal-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Formoli) (Avviż Legali 97 tal-1994).

04.10.1994